



C/2024/7094

25.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Kawża M.11711 – JWL / ASIA PULP & PAPER GROUP)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7094)

1. Fil-15 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Is-Sur Jackson Wijaya Limantara ("JWL", l-Indoneżja), is-sid uniku tal-entitajiet Paper Excellence B.V., Karta Halten B.V., u Hervey Investments B.V. (l-entitajiet kollha tan-Netherlands), kumpaniji azzjonarji aħħarija tal-grupp Paper Excellence ("Paper Excellence"),
- Scotsdale Holding Limited, Austin Premium Group Limited, Capital Holding Strategic Limited, u Global Capital Universal Limited (l-entitajiet kollha tal-Gżejjer Verġni Brittaniċi), kumpaniji azzjonarji aħħarija ta' Asia Pulp & Paper Group ("APP"), li bħalissa huma kkontrollati mis-Sur Oei Tjie Goan (Singapore).

JWL se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' APP.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' mezzi kuntrattwali.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- JWL hija persuna fiżika li għandha l-kontroll esklużiv ta' Paper Excellence. Paper Excellence hija attiva fil-manifattura u l-provvista ta' diversi tipi ta' polpa tal-injam u prodotti tal-karta downstream,
- APP hija attiva fil-manifattura u l-provvista ta' diversi tipi ta' polpa tal-injam u prodotti tal-karta downstream.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ⁽²⁾, jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11711 – JWL / ASIA PULP & PAPER GROUP

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/IL-BELĠJU
